**Qawwa Mdawla**

Words & Music: Hilary Spiteri
Band: Footprints

Sajjieda Galelin
Max-xbieki mhedijin
Lesti biex joħorġu
Bikrin għall-qabda ħut

Għodwa waħda deher Hu
B'mastrudaxxa kien magħruf
Stedinhom isegwuh
Biex tal-bnedmin sajjieda jkunu

Inħasdu fil-pront
Għall-kliem li Hu qal
U b'ħarsa ta' ħlewwa
Huwa lissen dan il-kmand:

**Kunu intom ix-xhieda tiegħi**
**Kunu intom il-melħ ta' l-art**
**Nibagħtilkom l-Ispirtu Mbierek**
**Jimlikom b'qawwa**
**soda daqs is-swar**

Mattew kien wara mejda
B'ħalliel kien magħruf
Bilqiegħda aljenat
bil-ġalbu jgħodd il-flus

Zakkew fuq is-siġra
Tela' jiġri għax kien qasir
Kienu jinteressawh
Bċejjeċ li jleqqu u ta' valur

Inħasdu fil-pront
Għall-kliem li Hu qal
U b'ħarsa ta' ħlewwa
Huwa lissen dan il-kmand:

Din hi l-isfida li qed joffrilna
Din hi l-isfida tagħna ta' kuljum
Din hi l-isfida għalina ż-żgħażagħ
U b'hekk nintgħarfu li aħna ta' Ġesù